

# San Gejtanu fil-Parroċċa ta' Marija Bambina tal-Mellieħa

*minn John Micallef*

**Is-sena** l-oħra, jekk tiftakru sewwa, konna żorna lil San Gejtanu ġewwa r-raħal tal-Fontana, Għawdex.

Din iṣ-sena sejrin nagħtu ħarsa lejn l-altar ta' San Gejtanu li jinsab fil-parroċċa ta' Marija Bambina fil-Mellieħa.

Hekk kif wieħed jidħol mill-bieb tax-xellug tal-knisja tal-Mellieħa, għandu mill-ewwel jiltaqa' mal-Qaddis tagħna. L-altar ta' San Gejtanu jinsab fl-ewwel nava. Din il-biċċa arti hija waħda mill-isbaħ pitturi tal-Qaddis tagħna li jinsabu mxerrdin fil-gżejjer Maltin.

Nistgħu ngħidu li San Gejtanu jgawdi stima kbira f'dan il-post biex għandu altar tant hekk maestuż.

Il-pittura ta' dan il-kwadru huwa kif narawh fit-titular tagħna eżatt; jiġifieri li jirrappreżenta lill-Qaddis fl-akbar u l-isbaħ xena – liebes is-suttana sewda, għarkobbtejh, qed jilqa' t-Tarbija Divina mingħand il-Madonna. Il-



• *Il-kwadru ta' Marija Bambina, b'San Gejtanu għarkubbtejh f'riġlejha jilqa' t-Tarbija Divina.*

kwadru huwa kapolavur tal-pittur bravu Giuseppe Calì. Dan il-kwadru tpitter madwar l-1898.

F'dak iż-żmien il-Mellieħa kien raħal ċkejken u kienu ħafna l-Ħamruniżi li kienu jmorru jikru xi villeġġatura jew anke saħansitra marru joqogħdu hemmhekk. Hekk kif ir-raħal tal-Mellieħa beda jikber u beda jimtela bin-nies, l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi bdew jaħsbu biex jibnu Knisja akbar ħalli tkun tista' takkomoda lill-poplu li kien qed jikber b'rata allarmanti, biex tieħu post is-Santwarju tal-Madonna.



*Il-Pittur Giuseppe Calì*

Il-ħafna Ħamruniżi li kienu jqattgħu s-sajf hemmhekk, ma qagħdux lura li jagħtu l-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom, mill-aħjar li setgħu, għall-bini tal-knisja li kienet qiegħda tinbena. Meta, fl-aħħar, b'tant taqtiegħ il-qalb, il-knisja nbniet, is-Sur Gejtanin Grech, flimkien ma' xi Ħamruniżi, talbu lil kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Franġisk Maria Magri li kien inkarigat minn dan il-proġett grandjuż, biex possibbilment jiddedika altar tal-ġenb lil San Gejtanu, biex hekk ikun dejjem viċin il-qalb tagħhom.

Il-kappillan min-naħa tiegħu, mill-ewwel laqa' t-talba tagħhom u b'hekk sar l-altar iddedikat lil San Gejtanu. Dan l-altar magħruf *Ta' San Gejtanu*, ġie mibni aktar tard prinċipalment mis-Sur Gejtanin Grech u mill-benefatturi Ħamruniżi tal-Mellieħa.

Nerġgħu għall-pittura, li l-professur Giuseppe Calì tant pinġa b'ħila. Biex juri l-faqar tal-Qaddis, pinġa l-għarqub tal-kalzetta tiegħu mqattgħa. Hemm xnigħat, li mhux ta' min jorbot fuqhom, li jgħidu li l-Professur Calì ħassu offiż li l-kwadru titulari li għandna l-Ħamrun ma ngħatax lilu, imma lil Pietro Gagliardi, u għalhekk pinġa l-kalzetta mqattgħa tal-Qaddis! Il-kwadru barra li hu ffirmat, tidher l-arma tal-kunjom Grech. Il-kwadru jġib il-qis ta' 3.3m × 17.5m.

Hekk kien deskritt dan il-kwadru fil-programm li l-knisja tal-Mellieħa ħarġet għall-okkażjoni tal-festa ta' Marija Bambina tal-Mellieħa fl-1986:

*San Gejtan liebes suttana fqajra, għarkubbtejh fuq tarġa b'xi fjuri, fosthom ġilju u missal qed jikkontempla l-viżjoni tal-Madonna u l-Bambin. Impekkabbli fl-esekuzzjoni dan il-kwadru huwa: fil-ħlewwa tal-Bambin u l-Madonna u l-figura axxetika tal-Qaddis, intiż sabiex aktar milli ħaġa oħra jqanqal id-devozzjoni tal-fidili.*

Fil-parroċċa tal-Mellieħa li nbniet madwar l-1881 (l-istess sena li nbniet

il-parroċċa tagħna), insibu aktar pitturi ta' Giuseppe Calì. Minbarra l-pittura ta' San Gejtanu, insibu wkoll erba' kwadri oħra. Dawn huma: it-titular ta' Marija Bambina – 1898, Santa Helena – 1898, Madonna tar-Rużarju (fejn fih tiddomina l-figura ta' San Ġużepp) – 1899 u ta' San Pawl li tpitter fl-1898.

Fil-festa tal-Qaddis tagħna, allura fis-7 ta' Awissu, il-kappillan dejjem jieħu ħsieb sabiex dan l-altar jiġi mżejjen u armat għall-okkażjoni fejn jispikkaw in-numru ta' fjuri u xemgħat.

Fl-aħħarnett nixtieq nirringrazzja mill-qalb lil Dun Mosè Debono (li jiġi prim kuġin ta' Dun Nikol Debono tal-parroċċa tagħna), li hu intiż sewwa fl-istorja tal-parroċċa tal-Mellieħa ta' l-għajnuna li tani biex inkun nista' nwasslilkom dan l-artiklu.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.


**Maxima Lido**

Mellieħa Bay, Mellieħa Phone 2157 3995

**For hire: Sunbeds; beach umbrellas**

**Caters for Take-Away**
**Barbecues**

*Capri* Boutique

**Wholesale & Retail**
**Ladies, Gents & Children's Wear**

677, ST JOSEPH HIGH-STREET, ĦAMRUN.
Telephone / Fax: 2123 2975